MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1617/2003

**ITC Limited**

**vs**

**Mario Difesa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Awissu, 2002, fejn intalab il-bilanc ta' prezz ta' merkanzija konsistenti f'kunsinna ta' bozoz u oggetti ohra tal-metall mibjugha mill-attur lill-konvenut skond invoice numru 007377 u invoice numru 007409 fis-6 ta' Novembru, 2002 u dan skond kambjala ammontanti dan il-bilanc ta' prezz fis-somma ta' Lm708 oltre l-imghax legali mis-6 ta' Novembru, 2002.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-18 ta' Lulju, 2003 u tal-mandat ta' sekwestru 1702/03 u bl-inguzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Mario Difesa pprezentata fl-24 ta' Settembru 2003 fejn intqal:**
**1. Illi l-konvenut xtara bozoz minghand is-socjeta' attrici li kienu jinqatghu mill-ewwel hekk kif jintuzaw. Ma hu dovut l-ebda ammont stante li l-istess bozoz ma kien ta' ebda utilita' ghalih u ma kienux tajbin ghall-iskop li nxtraw minghand is-socjeta' attrici.**
**2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Mario Bonello, Marcel Bonello, Mario Difesa.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Sema' lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda prezz ta' merci u oggetti ohra tal-metall skond l-invoice esebit a fol 2 u 3 tal-process datat 6 ta' Novembru, 2002 u 11 ta' Novembru 2002 rispettivament u l-kambjala relattiva ffirmata fis-6 ta' Novembru, 2002, l-original ta' liema tinsab esebita bhala Dok MAM. Il-konvenut qed jilmenta li l-bozoz kienu difettuzi u kienu jinqatghu mall-ewwel.**
**2. Marcel Bonello direttrici tas-socjeta' attrici kkonfermat li l-konvenut kien xtara bozoz u fittings u hallas tlett mitt lira (Lm300) u ghalhekk kien baqa' l-bilanc ta' seba' mija u tmien liri Maltin (Lm708).**
**3. Mario Bonello li hu light designer ta' l-ITC Limited ighid li l-konvenut qatt ma lmenta fuq dak li xtara, u dana relattivament ghal konsenji in kwistjoni.**
**4. Jirrizulta li din ma kienetx l-ewwel darba li l-konvenut xtara minghand is-socjeta' attrici u fil-fatt kien xtara minn hemm xi sentejn qabel din l-okkazzjoni, u dik id-darba kienu nharqu xi bozoz, liema bozoz gew rimpjazzati u nghata parir sabiex ikellem inginier. Il-konvenut qed jallega li anke din id-darba nharqulu l-bozoz.**

**5. Jirrizulta illi ghalkemm is-socjeta' attrici kienet responsabbli ghad-disinn tad-dawl, fil-fatt ghall-installazzjoni kien responsabbli l-electrician tal-konvenut. Il-konvenut Mario Difesa jikkonferma li hu kien iffirma l-invoices in kwistjoni u kien akkwista l-materjal imsemmi u jaqbel ukoll li fadal il-bilanc ta' seba' mija u tminn lira (Lm708) u li ffirma kambjala li ghada mhix imhallsa. Dwar l-ilment tal-konvenut ma jirrizultax illi l-konvenut istitwixxa xi proceduri kontra s-socjeta' attrici fir-rigward.**
**6. It-Tribunal jinnota dak li hemm fir-rapport ta' l-Inginier Victor Bonello Dok A datat 23 ta' Awissu, 2003. Dana l-inginier acceda fuq il-post fid-19 ta' Awissu, 2003 u kif jirrizulta mir-rapport tieghu u kkonkluda dan li gej: « the condition of the electrical installation was found to be in good order, equipped with edequately sized cable, distribution equipment and protection devices…….. We find no cause or man function which would cause the claimed burning of lights fixtured connector blocks and the continious of hallogen lamps.» Dan ir-rapport per se jaghti stampa cara tal-fatti.**
**7. Pero' apparti minn dan l-ammont jirrizulta dovut mill-kambjala esebita.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u tmien liri Maltin (Lm708). Bl-imghax legali mis-6 ta' Novembru, 2002.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-18 ta' Lulju, 2002 u tal-mandat ta' sekwestru 1702/03 ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------